**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**(Gurisdizzjoni Superjuri)**
**(Sezzjoni Generali)**

**Magistrat Dr Brigitte Sultna LL.D. LL.M. (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Mandat t'inibizzjoni nru 1/2021**

**Julian Attard**

**vs**

**Johann Attard et**

**Illum 26 ta' Jannar 2021**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors tar-rikorrenti fejn espona:**

ILLI, l-esponenti għandhom interess li jitħarsu l-jeddijiet tagħhom;

ILLI, l-esponenti sabiex jikkawtelaw id-drittijiet tagħhom, jixtiequ izommu l-intimati milli personalment jew permezz ta terzi:

jaghmlu xoghlijiet ta' kwalsiasi natura, inkluz thaffir u/jew moghdija ta' servizzi f'passagg komuni li huwa accessibbli minn Triq Gnien Imrik, Xaghra, Ghawdex, kif ukoll li jezercitaw moghdija bil-vetturi mill-istess pasagg, peresss li dan ikun qed isir kontra l-kunsens tar-rikorrenti Julian Attard, li huwa komproprjetarju ta' l-istess passagg, hekk kif regolat b'att tal-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) (Dok. X).

Xoghlijiet f'passagg komuni, kif ukoll decizjonijiet dwar il-modalita' ta' moghdija mill-istess passagg, ghandhom isiru bi ftehim bejn is-sidien tieghu kollha, u kwalunkwe xogholijiet kif fuq imsemmija qed jigu ttentati li jsiru mill-intimati kontra l-kunsens ta' l-istess rikorrenti.

Illi peress li r-rikorrenti gia' gie avzat li se jsir tqattigh fil-pasasagg ghall-fini ta' moghdija ta' servizzi fil-jiem li gejjin, u peress li gia' saru tentattivi ta' moghdija bil-vetturi mill-istess passagg, l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan il-mandat provizorjament, sakemm dan jigi dekretat b'mod finali.

**Rat ir-risposta tal-intimati fejn iddikjaraw:**

1. Illi l-Mandat t'Inibizzjoni *de quo* huwa bbazat fuq premessi zbaljati u ma jissodisfax ir-rekwiziti stipulati mil-ligi ghall-hrug/konferma tieghu. Konsegwentement dan huwa destinat illi jfalli, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

**KWADRU TAL-FATTI**

2. Illi l-Mandat *de quo* jirreferi ghal passagg privat illi jinsab fix-Xaghra, Ghawdex, hekk kif inhu indikat bil-kulur ahmar fuq ir-ritratt hawn anness u mmarkat bhala **dok. DB1**. Dan il-passagg huwa proprjeta tal-esponenti, tar-rikorrenti u ta' hut ir-rikorrenti (li jigu wkoll iz-zijiet tal-esponenti) indivizament bejniethom (ir-rikorrenti ghandu sehem ta' 1/5 indiviz mill-istess);

3. Illi sfortunatament din mhix l-ewwel vertenza li kien hemm bejn ir-rikorrenti fuq naha u l-esponenti u hut ir-rikorrenti fuq in-naha l-ohra, tant illi r-rikorrenti issa ilu s-snin jaghmel il-bsaten fir-roti bil-ghan illi porzjon art illi hija retroposta ghall-proprjeta tieghu (u li hija llum proprjeta tal-esponenti) ma tkunx tista' tigi zviluppata. Din il-proprjeta tal-esponenti hija accessibbli mill-passagg privat izda kommuni fuq imsemmi;

4. Illi jidher illi issa illi l-permessi tal-izvilupp hargu u issa li l-bini da parti tal-esponenti tlesta, l-unika haga li r-rikorrenti kien ghad irid jipprova jaqbad fuqha kienet il-passagg privat in kwestjoni;

5. Illi sabiex din l-Onorabbli Qorti jkollha stampa aktar cara tas-sitwazzjoni *in situ*, il-proprjeta tal-esponenti qed tigi mmarkata bil-kulur blu mentri dik tar-rikorrenti qed tigi mmarkata bil-kulur iswed fuq ir-ritratt a **dok. DB1** u fuq imsemmi;

6. Illi ghal kull buon fini wkoll qed jigi anness flimkien ma' dan l-att il-kuntratt illi bis-sahha tieghu l-esponenti akkwistaw il-proprjeta taghhom fl-inhawi, inkluz is-sehem indiviz mill-passagg privat in kwestjoni - vide **dok. DB2**;

**IL-MERTU**

7. Illi jidher illi r-rikorrenti qed jitlob illi l-esponenti jigu inibiti:

    a) Milli jaccedu mill-istess passagg b'vetturi; u

    b) Milli Jaghmlu xoghol ta' kwalsiasi natura, inkluz thaffir u/jew moghdija ta' servizzi f'passagg kommuni.

8. Illi ladarba l-esponenti huma ko-proprjetarji tal-passagg in kwestjoni, huma ghandhom il-jedd illi jaghmlu uzu minnu fit-termini tal-ligi;

9. Illi l-Artikolu 491 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid dan li gej f'dan ir-rigward:

*"Kull komproprjetarju jista' jinqeda bil-ħwejjeġ in komun, basta (a) li jinqeda bil-ħaġa skont id-destinazzjoni tagħha kif stabbilita bl-użu; (b) li ma jinqediex bil-ħaġa kontra l-interess tal-komunjoni, jew b'mod li ma jħallix lill-komproprjetarji l-oħra jinqdew biha in komun skont il-jeddijiet tagħhom."*

10. Illi minn qari superficjali ta' dan l-Artikolu ghandu jirrizulta illi l-Mandat t'Inibizzjoni odjern huwa effettivament *non sequitur*. Huwa si tratta minn passagg privat li ghandu wisa' bizzejjed biex minnu tghaddi vettura u minkejja dan ir-rikorrenti jippretendi illi l-esponenti ma jghaddux b'vetturi minn dan l-istess passagg;

11. Illi zgur mhux forsi illi jekk l-esponenti jghaddu b'vetturi huma mhux ser ikunu qed jaghmlu uzu mill-haga kontra d-destinazzjoni taghha, u anqas m'huma ser ikunu qed juzawha kontra l-interess tal-komunjoni jew b'xi mod kontra d-dettami tal-Artikolu fuq imsemmi;

12. Illi in kwantu ghax-xoghol li kien ser isir mill-esponenti fil-passagg - liema xoghol jinsab indikat f'**dok. DB3** hawn anness - wiehed isibha difficli jifhem kif tali xoghol jista' qatt imur kontra d-dettami tal-Artikolu 491 fuq citat. Dan qed jinghad ukoll fid-dawl tal-gurisprudenza tal-Qrati taghna fejn gie deciz b'mod kostanti illi:

*"Il-fatt li jridu ighaddu servizzi minn dan il-passagg, bhal provvista tad-drenagg, ilma u linji tad-dawl, ma jfissirx li b'daqshekk ser tkun qeghda tinbidel il-konsistenza jew destinazzjoni tal-passagg. Il-qorti lanqas ma tqies li ser jigi arrekat xi pregudizzju lill-atturi." - vide* ***Margerita Saliba et vs Carmelo Cortis et*** *[49/2007AE], deciza fis-27 t'Ottubru 2009 - hawn annessa bhala* ***dok. DB4.***

13. Illi forsi tajjeb jinghad ukoll illi l-esponenti qed biss jippretendu illi jaghmlu uzu mill-passagg bhalma kien u ghadu qed jaghmel r-rikorrenti - xejn aktar. Fil-fatt l-istess rikorrenti ilu zmien jghaddi bil-vettura tieghu mill-passagg tant li sahansitra ghandu garaxx jhares ghal fuqu, u ilu s-snin bis-servizzi ta' daru jaghtu ghal fuq il-passagg. L-esponenti, missierhom (qua awtur fit-titolu taghhom u z-zijiet taghhom (qua ko-proprjetarji) qatt ma sabu diffikulta b'dan kollu u wiehed isibha difficli jifhem kif sforz il-pika zejda li ghandu, ir-rikorrenti jippretendi illi l-passagg juzah b'vetturi hu biss u jkun hu biss illi jitfa' servizzi ghal fuqu - haga illi ma ssib komfort fl-ebda ligi u wisq anqas fis-sens kommun;

14. Illi ghal kull buon fini wkoll ghandu jinghad illi l-ko-proprjetarji l-ohra ma jopponux ghall-uzu li kien ser isir da parti tal-esponenti u anqas ghax-xoghol li kien ser jigi esegwit minnhom;

15. Illi ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq spjegati u ghal dawk kollha illi ser jirrizultaw fit-trattazzjoni ta' dan il-Mandat, l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad il-Mandat odjern *in toto* u tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tas-6 ta' Jannar 2021 ai termini ta' liema dan kien intlaqa' provvizorjament. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti u b'riserva cara ghal passi ghal danni kontra l-istess rikorrenti.

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Dicembru 2020;

Rat ir-risposti rispettivi tal-intimati;

Rat l-atti u dokumenti kollha f'dawn il-proceduri;

Semghet ix-xhieda prodotta mill-partijiet;

Semghet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors;

Rat li l-Qorti iddiferiet il-mandat ghas-seduta ta' l-20 ta Jannar, 2021 sabiex ir-rikorrenti jirregolaw il-pozizzjoni taghhom fid-dawl tal-lista ta' xogolijiet li l-intimati ddikjaraw illi kienu bihsiebhom jaghmlu fil-passagg proprjeta' tal-partijiet.

Rat li fis-seduta ta' l-20 ta Jannar, 2021 r-rikors thalla ghal digriet in camera.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-mandat t'inibizzjoni il-liġi tghoddu bhala wiehed mill-atti kawtelatorji (Artiklu 830(1)(h) kodici ritwali);

Illi l-liġi tghid ukoll li "**Il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet"** ;

Ghalhekk minn qari akkurat tas-subincizi (1) u (2) tal-Art 873 tal-Kap 12, jirrizulta illi l-Qorti hija prekluża milli tordna l-hrug tal-Mandat, sakemm ma jikkonkorrux ir-rekwiziti li gejjin:-

a) Il-Mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrenti;

b) Ir-rikorrenti ghandhom dawk il-jeddijiet sal-livell tal-*prima facie*;

Il-procedura tal-Mandat hija eccezzjonali u straordinarja[1]. Hija wkoll wahda sommarja. Kif inghad minn din il-Qorti, kif diversament ippreseduta fil-kawża "**Camilleri vs Gove` et**", deciza fl-10 ta' Mejju, 2001, fuq rikors numru 286/01:

*"li mid-disposizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-unika eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa dak biss ta' prima facie, u dan għaliex il-mertu kollu jiġi nvestigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari, li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja."*

Ghalhekk, din Qorti, tqis li ma ghandhiex taghmel osservazzjonijiet li jirrazaw determinazzjoni fil-mertu, ghax b'hekk tkun qed tipprovdi ammunizzjon ta' argumenti legali, li tista' tintuza quddiem dik il-Qorti, li tigi adita biex tiddeciedi definittivament dwar il-pretensjonijiet rispettivi tal-partijiet. Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti qieset sewwa l-provi kollha u dan ai fini biss ta' dawn il-proceduri. Qabel ma tikkonsidra kull haga oħra hemm zewg aspetti ta' natura procedurali li ghandhom ikunu kkunsidrati.

Il-Qorti tibda biex tirrileva li minkejja l-frekwenza ta' talbiet li jsiru biex jinhareg mandat ta' inibizzjoni, dan ma jnehhi xejn minn natura procedurali specjali ta' din il-procedura. Li persuna tinzamm milli jaghmel xi haga pendenti kawza li biha tkun giet dedotta l-pretensjoni, hija eccezzjoni ghar-regola generali li kulhadd ghandu liberament jagixxi kif jidhirlu l-ahjar salv jekk b'tali agir ikun ser jirreka pregudizzju lil hadd iehor. Ghalhekk gie ribadit kemm-il darba minn dawn il-Qrati li *"Ħadd mill-partijiet ma jista' jew m`għandu jippretendi li bil-metodu sommarju għandha tkun propju din ilQorti li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-proċedura speċjali u partikolari tal-Mandat ta` Inibizzjoni. Il-mansjoni ta` din il-Qorti mhuwiex li tiddeċiedi finalment dwar il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu iżda huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-liġi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni."* [2]

Waqt li kienet qed tisma' t-trattazzjoni, bhalma hafna drabi jigri fi proceduri bhal dawn, il-partijiet bhal donnhom riedu jikkonvolgu li din il-Qorti fil-kwistjoni li tirrigwarda l-mertu tal-pretensjonijiet reciproci taghhom. F'dan ir-rigward il-Qrati taghna dejjem sostnew li l-istharrig li

---

[1] Ulrich Barfuss v Perit John u Mariella konjuġi Gambina, Rik. Nru. : 1103/19, 26 ta' Settembru, 2019

[2] Digriet tas-7 ta` Lulju 2016 fl-atti tar-rikors għall-ħruġ ta` Mandat ta` Inibizzjoni Nru. 762/2016 JZM fl-ismijiet: L-Avukat Cedric Mifsud nomine kontra Iannelli Ferdinando Passaport AA 3597279 proprio et nomine per Imħallef Joseph Zammit Mckeon.

ghandha taghmel il-Qorti huwa biss wiehhhed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jigi mistharreg fil-kawza proprja bejn il-partijiet.

Ghalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'huwiex mehtieg li tifli fil-mertu l-kwistjonijiet li nqalghu bejn il-partijiet u li wasslu ghall-hrug tal-Mandat. Huwa wkoll stabbilit li biex mandat ta' din ix-xorta jkun jista' jinhareg, ir-rikorrent irid jissodisfa zewg elementi sopra msemmija u cioe' li huwa ghandu dritt *prima facie* xi jhares skont il-liġi u t-tieni li d-danni jistghu ikunu rriversibbli – **periculum in mora**. Kif gia nghad rigward il-***periculum in mora*** l-liġi tesigi li l-Qorti trid tkun sodisfatta li l-mandat ikun "**mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent**".

Sabiex iz-zewg elementi sopraċitati jwasslu ghall-hrug tal-Mandat iridu jkunu kumulattivi mhux alternattivi u ghalhekk jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti hija obbligata tichad it-talba ghall-hrug ta' l-Mandat.

Issa mill-provi rrizulta li l-kontendenti huma gejjin mill-istess familja. Il-passagg li dwaru hemm il-kwistjoni jappartjeni ndivizament lill-partijiet kif ukoll lill-membri ohra ta' l-istess familja. Jirrizulta li r-rikorrenti jridu jwaqqfu lill-intimati milli jaghmlu xoghlijiet f'dan il-passagg kif ukoll milli jghaddu bil-vetturi mill-istess passagg.

Minn naha taghhom l-intimati esebew dikjarazzjoni guramentata[3] fejn il-kopropretarji l-ohra qed jiddikjaraw li huma ma ghandhom l-ebda oggezzjoni li l-intimati jghaddu s-servizzi minn dan il-passagg. Xi jfissru dawn ic-cirkostanzi kwantu jirrigwarda l-azzjoni sostanzjali mhux kompitu ta' din il-Qorti tara. Anzi, din il-Qorti trid tinqata' kemm jista' jkun minn dan l-aspett tal-problematika legali, anke sabiex ir-ragunament f'dawn il-proceduri ma jintuzax bhala ammunizzjon quddiem dik il-Qorti, li kif inghad ghad trid tigi adita biex tiddeciedi l-mertu fis-sustanza tal-pretensjoni tar-rikorrenti.

Wara li eżaminat l-atti u qieset ic-cirkostanzi kollha, din il-Qorti hija sodisfatta, li ai fini ta' dawn il-proceduri, ma jezistux l-elementi kollha sabiex it-talbiet tar-rikorrenti jintlaqgħu.

**Decide.**

Ghaldaqstant din il-Qorti, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, fil-waqt li qed tirrevoka *contrario imperio* id-digriet tagħha tas-06 ta' Jannar 2021, qeghda tichad it-talbiet tar-rikorrenti kif mitluba fir-rikors taghhom tas-06 ta' Jannar, 2021.

---

[3] A fol 94 tal-process

Bl-ispejjez kollha a karigu tar-rikorrenti.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur